MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 605/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**Coronato Calleja bin Joseph u Pawla nee' Sultana, imwieled Xaghra, Ghawdex, fit-tlieta [3] ta' Lulju 1953 u residenti 'Casa Colson', Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 40753(G)**

**Seduta ta' llum 16 ta' Frar 2006**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **CORONATO CALLEJA** bin Joseph u Pawla nee' Sultana, imwieled Xaghra, Ghawdex, fit-tlieta [3] ta' Lulju 1953 u residenti 'Casa Colson', Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru

40753G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sebgha [7] ta' Ottubru 2005 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2:30p.m.) fl-inhawi ta' Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex:-

1. kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar numru 7244202 tal-marka Browning biex tintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1424.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Frar 2006, u cioe fil-jum meta giet mahlufa l-akkuza odjerna fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

**Ghalhekk, il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 9(2)(b) tal-Avviz Legali numru 146 tas-sena 1993, **tiddikjara li ssib lil imputat CORONATO CALLEJA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------